



# Maria u Raimondo de Dominici u Pitturi Karmelitani

*Minn Felician Bezzina, Karmelitan (Valletta)*

Daħla

Fl-ewwel snin tas-sena 1600 il-familja de Dominici telqet mill-Italja, x'aktarx mill-belt ta' Napli jew ta' Palermu u ġiet tgħix f'Malta. Probabilment marret toqgħod fil-belt Valletta.

Wieħed mill-wild ta' din il-familja jismu Onofrio iżżewweġ[1] nhar it-8 ta' Settembru 1641 lil Ġovanella Protopsalti.[2] Minn dan iż-żwieġ twieldu erba' subien u erba' bniet. Tnejn minnhom biss, jiġifieri Raimondo li twieled fil-belt Valletta fid-9 ta' Jannar 1644 u Maria li twieldet il-Birgu nhar is-6 ta' Diċembru 1645[3] intgħażlu, għar-raġuni li fil-ħidma artistika tagħhom ipproduċew għadd limitat ħafna ta' kwadri fihom pitturi qaddisin karmelitani. Forsi dan seta' seħħ ukoll fil-pittura ta' saqaf fi knisja karmelitana: pittura maħduma minn Raimondo. Hu f'dan is-sens li maż-żewġ ismijiet ta' de Dominici inkiteb "u pitturi karmelitani" li informazzjoni storika ftit jew wisq dettaljata dwarhom tifforma l-kontenut tal-kitba presenti.

Id-deċiżjoni li jkunu ippresentati biss l-opri li ż-żewġ aħwa de Dominici pittru b'temi karmelitani ma tfissirx li huma ma ipproduċewx xogħolijiet artistiċi oħra relatati mal-pittura, f'xi lokalitajiet jew lil xi persuni, li mhumiex karmelitani.

Anzi huma ħafna l-kittieba li jagħtu tagħrif dwar xogħolijiet ta' pittura u ta' skultura, l-aktar dawk prodotti minn Maria de Dominici, u li fihom l-element karmelitan ma jidħol xejn. Fosthom ta' min isemmi dawn:

1. Missierha u ommha f'dawha (lil Maria) f'idejn iċ-ċelebri pittur Mattia Preti u f'qasir żmien, skond kif jingħad, reħa f'idejha l-figuri tan-nisa li naraw fis-soffit tal-Konkattidral ta' San Ġwann. Taħt id-direzzjoni ta' Preti, Swor Maria de Dominici ħadmet xi inkwadri fosthom dak tal-Viżitazzjoni fi knisja fil-limiti ta' Ħaż Żebbuġ Malta u statwa tal-Kunċizzjoni għal-kolleġġjata ta' Bormla; oħra ta' Santa Tereża fil-knisja tal-Karmnu fil-Birgu. F'Ruma, taħt għajnejn Gian Lorenzo Bernini ħadmet ġmiel ta' grupp "l-Estasi ta' S. Tereża ta' Ġesù" li tinsab fil-knisja tal-Vittorja f'Ruma u statwa tal-istess qaddisa fil-knisja ta' Santa Marija fit-Traspontina Ruma..[4]

2. Ir-Rev. du Francesco Caruana Dingli (seklu XIX) jistqarr li prova żgura tal-kapaċità tagħha (Maria de Dominici) huma l-figuri varji impinġija fis-saqaf ta' S. Ġwann.[5]

3. "Maria de Dominici flimkien mal-Maestro tagħha Mattia Preti pittret ukoll il-kwadru ta' San Pawl fil-knisja dedikata lilu f'Marsalforn f'Għawdex".[6]

4. "Interessanti ħafna wkoll għall-istorja tal-arti li s-soru Maria de Dominici alljeva ta' Pietri u bint Maestro Onofrio de Dominici ħadmet il-forom ta' żewġ t'irjus ta' persunaġġi lhud tal-ġibs li swew tminn skudi għax-xogħol għal din l-istatwa u żewġ skudi tal-ġibs, tafal u kolla".[7]

5. "Fost opri oħra li ħadmet f'Malta li esponiet għall-pubbliku ta' min jammira, fost l-oħrajn, il-kwadru ta' San Rokku; ta' San Nikola li qiegħed titular ta' knisja filjali ġewwa Ħal Attard.[8]

Toqgħod tassew f'postha, b'eċċezzjoni għan-numru (4) il-fehma tal-professur M. Buhagiar: "Fost l-istudenti (ta' Mattia Preti) l'isimhom hu imniżżel fil-kotba, l-aktar magħruf fosthom hija Maria de Dominici li dwar il-ħidma artistika tagħha f'Malta u barra minn Malta jeżisti ħafna għajdut imma l-ebda dokumentazzjoni ċerta".[9]

**Il-Ħajja ta' Maria de Dominici f'Malta**

Swor Maria de Dominici, pinzocchera oħt Raimondo kienet alljeva tal-Calabrese (Mattia Preti) u bil-bosta miġjuba minnu għat-tjubija fl-imġiba tagħha kif ukoll għall-ispirtu meraviljuż li bih b'majera korretta għarfet tiddisinja. Billi fehem li hija katar inlinata lejn l-iskultura il-Kavallier ħa l-inkarigu li jgħallimha din l-arti."[10]

Sakemm Maria de Dominici kellha 34 sena isimha baqa' jkun imniżżel fir-reġistri tal-"Status Animarum" tal-parroċċa ta' Porto Salvo.[11]

Il-Kommendatur Gian Francesco Abela jinnota li sa minn ċkunitha Maria bdiet taħdem figuri u affarijiet oħra. Miġbuda hekk kmieni lejn il-





pittura, i-ġenitri tagħha talbu lil Mattia Preti sabiex iħarriġha f'din l-arti. Taħt id-direzzjoni tiegħu għamlet progressi kbar fil-qasam tal-pittura."[12]

L-istess deskrizzjoni dwar il-ħajja żgħażugħa tagħha jagħtihilna ċertu patri kapuċċin waqt li jinnota li sa minn ċkunitha Maria de Dominici uriet kemm hija mugħbuda aktar lejn l-arkitettura milli lejn il-pittura.[13]

**Terzjarja Karmelitana O. Carm.**

Bosta drabi Maria de Dominici tissejjaħ b'wieħed minn dawn l-ismijiet: "Suor." "Pinzòcchera" "Biżocca".[14]

Sa nofs is-seklu dsatax (1850) fil-"Libri delle Proposte" tal-Karmelitani tal-belt Valletta, insibu illi fost l-uffiċji li l-komunita' tassenja permezz ta' votazzjoni jew ukoll permezz ta' sempliċi nomima mill-Pirjol, dak ta' "Direttore Spirituale delle Bizocche" (illum jissejħu terzjarji).

Ma jistax jingħad jekk Maria de Dominici daħlitx mat-terzjarji (pinzòcchere/bizocche) karmelitani tal-Antika Osservanza hawn Malta: hija marret Ruma meta kellha 37 sena: bejn l-aħħar tas-sena 1682 u għall-bidu tal-1683.

Sa mill-ewwel snin tas-seklu 17 jissemmew fil-Gabreo A (reġistru tal-kuntratti, testmenti u atti notarili bejn il-patrijiet u l-kontraenti) diversi testmenti fejn il-persuna li tagħmel it-testment tistqarr li hija terzjarja karmelitana.[15]

**A. Pitturi Karmelitani Ta' Suor Marija de Dominici**

Sakemm damet hawn Malta, kif ġa ingħad sal-aħħar tas-sena 1682, Maria de Dominici, skond il-fehma ta' nies esperti u kritiċi fl-arti tal-pittura ipproduċit żewġ kwadri b'tema reliġjuża karmelitana:

Kwadru jippresenta lill-qaddisa karmelitana Marija Maddalena dei Pazzi (iddikjarata qaddisa fis-sena 1669)

Kwadru bix-xbieha tal-bejatu karmelitan Fra Franku minn Siena.

**Il-kwadru ta' Santa Marija Maddalena dei Pazzi fil-Knisja tal-patrijiet karmelitani, Valletta.**

Nhar il-15 ta' Novembru tas-sena 1674[16] sar ftehim bejn il-Komunità karmelitana tal-Belt u l-familja Alborante sabiex fuq l-artal li jinsab fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu u li huwa iddedikat lill-Madonna ta' Itria, artal ġuspatronat tal-familja Alborante, sabiex f'dan il-kwadru marjan titpinġa il-figura ta' Santa Marija Maddalena dei Pazzi u dan isir b'mod illi l-ispiża meħtieġa titħallas jew mir-reverendi patrijiet jew minn dik il-persuna l'għax hija devota tal-qaddisa fjorentina trid iddaħħal id-devozzjoni lejn il-qaddisa imsemmija.

L-inventarju tal-Knisja u tal-kunvent karmelitani tal-Belt tas-sena 1688 isemmi l-oġġetti prezzjużi li jinsabu fl-artal iddedikat lill-qaddisa Marija M. de Pazzi: (i) kuruna imperjali f'ras Kristu (ii) kuruna imperjali oħra f'ras il-Madonna (iii) u kuruna oħra f'ras il-qaddisa karmelitana. Din id-deskrizzjoni baqgħet titniżżel fl-inventarji sas-sena 1804. Dan għaliex, fis-sena 1806 il-Kommunità Karmelitana Valletta iddeċidiet li tgħaddi lill-artal iddedikat lill-Santa Marija M. dei Pazzi lill-fratellanza tal-Bejatu Franku imwaqqfa mill-pirjol Patri Elija Ferroni. F'din il-laqgħa l-Patrijiet obbligaw lil din il-Fratellanza li tagħmel kwadru kbir u ġdid u li fih jitpittru kemm ix-xbieha tal-Bejatu Franku u kemm dik ta' Santa M. M. dei Pazzi. B'hekk tneħħa mill-artal propju l-inkwadru ta' din il-qaddisa karmelitana u tqiegħed f'xi post imwarrab fil-kunvent karmelitan tal-Belt.



*Dettal mill-kwadru tal-Beatu Franco*

Fil-Bidu tas-sena 2009, il-Pirjol Fr. Martin Schembri sab l-inkwadru mwarrab u mill-ewwel ħa ħsieb, għax fehem li hija tila prezzjuża, li jiġi restwarat mid-ditta "ReCoop" The Restoration





and Conversation Group. Ltd." taħt id-direzzjoni ta sur Pawl Muscat. Dr. Keith Sciberras professur fid-Dipartiment tal-Arti fl-Università ta' Malta u espert fl-arti barokka, wera l-fehma tiegħu, imsaħħa minn dik tal-magħruf restawratur imemmi, li din il-pittura ta' Santa Marija Maddalena dei Pazzi meta wieħed iqis l-istil u teknika bihom pittret hija ta' Swor Marija Di Dominici terzjarja karmelitana (1645 - 1703).

F'dan il-kuntest din il-pittura saret bejn is-snin 1674 u 1682: jiġifieri mis-sena li ttieħdt id-deċiżjoni li jsir dan il-kwadru sas-sena li Maria di Dominici ħalliet Malta biex tmur f'Ruma.

Diversi kittieba matul l-aħħar tlett sekli baqgħu juru l-fehma tagħhom illi fil-knisja karmelitana eżista f'wieħed mill-artali tagħha, kwadru bix-xbieha ta' Santa Marija Maddalena dei Pazzi impitter minn Swor Marija di Dominici. Għalkemm din it-tradizzjoni fiha nfisha ma toffrix bażi storika "diretta", dejjem jibqa' l-fatt li l-qasba ma iċċaqċaqx għalxejn: infatti mill-istudju u milll-analisi professjonali li saret, kif ġa ntqal, teżisti kważi-ċertezza li dil-pittura hija xogħol tal-pittriċi karmelitana.

Fost id-diversi kittieba li saret riferenza għalihom, ta' min isemmi dawn:

a. G.F. Abela f'Malta Illustrata. "Għad fadal x'ħud mill-pitturi tagħha (i.e. ta' Swor di Dominici) bħalma hija dik ta' Santa Marija Maddalena dei Pazzi għand il-Karmelitani tal-Belt Valletta."

b. Vincenzo Caruana Gatto fil-"Malta Artistica Illustrata." stampat fis-sena 1906. "Dell' allieva dei Preti, Suor Maria de Dominic, ci restano alcuni quadri (....) Santa Marija dei Pazzi presso i Carmelitani di Valletta."

ċ. Dr. K. Sciberras: "L-Arti Barrokka f'Malta" p. 60. Ed. PIN "Hawn qiegħed jiġi assoċjat magħha (Marija de Dominici) kwadru pretjan ta' Santa Marija M. dei Pazzi ..."

**B. Il-Kwadru tal-Bejatu Karmelitan Franku minn siena (+1291)**

Dan għandu storja partikulari li qiegħda tkun presentata bl-istess deskrizzjoni miktuba minn Patri Martin Schembri Ord. Carm.[18]

"Ħdejna il-kappella ta' Santa Tereża aħna u neżlin l-isfel lejn l-artal maġġur hemm il-kappella tal-Karmelitan Bejatu Franku minn Siena. Sa qabel il-restawr ta' dan il-kwadru li sar mis-sur Manwel Żammit dan il-kwadru kien fih żewġ qaddisin it-tnejn għarkobtejhom jaduraw il-Kurċifiss. Fin-naħa tax-xellug hemm il-bejatu Franku għarkobtejh iħares lejn il-Kurċifiss li jinsab fil-għoli. In-naħa tal-lemin keinet tidher Santa Marija Maddalena dei Pazzi.[19] Din il-qaddisa żgur li kienet miżjuda fl-1745 mill-pittur Antonio Zammit. Iżda l-kwadru oriġinali kien tat-terzjarja Marija de Dominici. Meta ġie biex jiġi restawrat fl-1989 dan il-kwadru ħoloq problema kbira għax fil-fatt fuq il-kwadru oriġinali kien hemm impittra żewġ pitturi oħra. Il-Bejatu Franku u l-Kurċifiss flimkien mal-artal u l-anġli baqgħu dejjem is-suġġett ewlieni imma fuqhom tpittru kurċifiss u bejatu Franku ieħor. Kienet verament il-paċenzja u l-ħila tas-sur Manwel Zammit li ġabu fl-istat oriġinali li fih kienet pittritu Swor Marija de Dominici. (......) Peress li dan il-kwadru ġie għall-oriġinal b'hekk tneħħiet il-qaddisa mistika karmelitana Santa Marija Maddalena dei Pazzi."



*Dettalji minn djarju antik*

**Il-Ħajja ta' Marija de Dominici fil-Belt ta' Ruma.**

L-okkażjoni li wasslet lil din il-mara devota tieħu deċiżjoni u tmur Ruma jagħtihilna il-Kommendatur Abela.[20] Fis-sena 1682 wasal f'Malta in-neputi tal-Gran Mastru Gregorio Carafa (1680 - 1690) flimkien mal-mara tiegħu Donna Teresa d'Avalos. Din tul il-mwara tagħha f'Malta semgħet bil-kapaċità ta' Marija de Domini bħala pittriċi. Għamlet konoxxenza tagħha u meta l-koppja nobbli Carafa irritornat f'Ruma - u dan mhux qabel ix-xahar ta' Novembru 1682 -[21] ħadet magħha lil din il-pittriċi maltija. Meta il-prinċipessa Carafa niżlet toqgħod fil-palazz tagħha ġo Napli, Marija kriet dar f/Ruma biex





toqgħod fiha.

F'dil-belt kellha rabtiet spiritwali mal-knisja parrokjali ta' Santa Marija in transpontina immexxija mill-patrijiet karmelitani tal-Antika Osservanza. Ftit wara li waslet Ruma jiġifieri qabel is-sena 1684, hija tissemma' bħala terzjarja tal-Ordni Karmelitan. Meta patri Avertano Bevilacqua O. Varm kiteb il-kronaka tiegħu fuq il-knisja tat-Traspontina 1481 - 1764 jistqarr li f'Mejju tas-sena 1684, it-terzjarja Merija de Dominici pittret il-kwadru ta' S.M.M. dei Pazzi. Fatt ikkonfirmat minn Ludovico Perez de Castro O. Carm. fin-"Notitiae Diariae"[22]

Hija stess tikkonferma dan meta fiż-żieda li għamlet nhar 10 ta' Marzu 1703 (ġimgħa qabel mietet) fit-testment oriġinali tal-20 ta' Lulju 1699, issemmi kemm batiet biex pittret il-kwadru ta' S. Andrija Corsini fil-knisja msemmija.

Ukoll f'dan it-testment tagħha ta' 1699 iddikjarat li ma kienitx sodisfatta bis-somma ta' 36 skudi għall-kwadru ta' aktar minn metru u sitta u tletin cm. li fuqu pittret lill-qaddisa Tereża ta' Ġesù.[23]

Il-patrijiet karmelitani tal-knisja S. Marija in Traspontina għaddew, b'donazzjoni, il-kappella ta' Sant Andrija Corsini fejn Maria di Dominici kellha l-inkwadru ta' dan il-qaddis impitter minnha, lill-familja Corsini li kellha r-residenza tagħha f'Ruma u wieħed mill-membri tagħha kien il-Kardinal Lorenzo Corsini li wara sar Papa Klement XII (1730 - 40) bit-tama li jkunu benefiċjarji tal-patronat tal-familja Corsini.[24]

Il-familja Corsini, residenti fil-belt ta' Ruma, titqies bħala responsabbli illi flok il-kwadru ta' San tAndrija Corsini impitter minn Maria de Dominici, daħħlet kwadru dwar l-istess qaddis iżda tal-pittur Gian Paolo Melchiorre.[25]

B'hekk il-kwadru ta' Sant Andrija Corsini, impitter minn Maria di Dominici fis-1684 tneħħa minn fuq l-artal tiegħu u fejn presentement jinsab għadu ħadd ma jaf.[26] L-istess xorti messet ukoll lix-xogħol kollu (pittura, skultura, inċiżjonijiet) maħdum f'Ruma minn din terzjarja karmelitana u pittriċi Maria de Dominici[27]: l-ebda wieħed minnhom għadu ma ġie identifikat u b'hekk huwa diffiċli għall-istudjużi tal-arti jiffurmaw ideja ċara dwar il-produzzjonijiet fl-oqsma tal-pittura u tal-iskultura ta' din l-artista reliġjuża karmelitana.

### Il-Ħajja ta' Raimondo de Dominici f'Malta u f'Napli

Twieled fid-9 ta' Jannar 1644 fil-Belt Valletta.[28] Skond ma ibnnu Bernardo ħalla miktub[29] Raimondo f'żgħożitu kien skular tal-Kavallier Kalabriż. Fis-sena 1664 mar fil-belt ta' Napli u 34 sena wara irritorna Malta flimkien ma ibnu Bernardo. Sakemm dam fi Gżiritna (1698 - 1701) fost xogħolijiet li ħadem insibu li pitter is-saqaf (troll) tal-knisja tal-Karmelitani tal-Belt. Huwa miet f'Napli fil-31 t'Awissu 1705.[30]

Fil-perijodu 1701-1705 li għex fil-belt ta' Napli Raimondo de Dominici pitter, taħt it-tmexxija tal-pittur Luca Giordano, diversi kwadri (...) imma l-aħjar fosthom huwa l-kwadru ta' San Ġwann tas-Salib Karmelitan (OCD).[31] Konferma dwar l-awtur ta' din il-pittura karmelitana jagħtihilna Giovanni Battista D'Addosio.[32] Meta jikteb dwar Raimondo de Dominici D'Addosio għoġbu jirrimarka illi bil-majiera ta' impreċisażżjoni il-famus awtur tal-"Vite dei Pittori, Scultori.... Napolitani" beda billi bidel il-kunjom propju ta' missierugħax huwa ċert, jissokta D'Addisio, li missieru Raimondo jissejjaħ "De Domenico" u mhux "De Dominici" kif jirriżulta mir-reġistru tal-imseħbin fl-Akkademja ta' San Luqa li tagħhom Raimondo sar membru fis-sena 1689.[33] B'sens ta' ironija jgħid: nittamaw li huma veri talanqas, il-ftit aħbarijiet li jagħtina dwar missieru meta jikteb li Raimondo de Dominici twieled Malta fejn kien alliev ta' Mattia Preti u, wara meta irritorna Napli, ta' Luqa Giordano". G.B. Addosio ikompli jikteb illi Raimondo de Dominici pinġa lill-qaddis karmelitan skalz San Ġwann tas-Salib: kwadru espost għall-qima tal-fidili fil-knisja ta' Santa Teresa sewwasew fil-kappella "Ceccarelli.

Vincenzo Caruana Gatto[34] ħalla miktub illi Raimondo u Maria flimkien ma' Bernardo De dominici pittru fis-sena 1693 is-saqaf tal-knisja tal-Karmnu tal-belt Valletta. Din il-pittura tneħħiet fl-1889 minħabba li kellhom isiru xi ornamenti ġodda.

Ta' min jinnota illi fis-sena 1683 Maria de Dominici marret toqgħod Ruma fejn mietet fis-sena 1703. Raimondo ħuha, tul is-snin 1698 u 1701 li dam f'Malta kellu l-opportunità li jagħmel xogħolijiet ta' pittura fosthom fis-saqaf tal-knisja karmelitana ġa msemmija.[36]

Bernardo de Dominici ħalla miktub[37] illi hu għen lil missieru Raimondo fil-pittura ta' dan is-saqaf waqt li jiddeskrivi it-teknika li missieru segwa huwa u jpenġiha: "col colore a colle e fattovi altre cose dopo imbevuta la pietra d'olio di lino come aveva fatto prima nella chiesa di San Giovanni il cavaliere Preti che ne fu l'inventore".

Il-Kumitat magħżul mis-"Soċietà Delle Arti" ħa ħseib illi iżid ftit noti fil-qosor fejn ikunu instabu





xi ommissjonijiet jew ineżattezzi.[38] Waħda minn dawn iż-żidiet tirrimarka dan: "La volta di questa chiesa (dei Carmelitani di Valletta) dipinta da Raimondo di Domeici, venne parecchi anno o sono imbiancata e vi si vede appena qualche traccia dell'antica pittura".

Ir-raġuni propja li għaliha l-patrijiet karmelitani neħħew din il-pittura tinsab reġistrata fil-Ktieb tal-Proposti.[39] Fil-laqgħa komunitarja tal-14 ta' Ġunju 1788 il-pirjol Francesco Berchi informa lill-patrijiet bl-istat perikoluż li jinsab fih is-saqaf tal-knisja (fih ħafna spakkaturi kbar) li minħabba l-pittura li tgħattih ma setgħux jaraw minn fejn hija ġejja din il-ħsara. Iddeċidew li jneħħu l-pittura biex jiskopru dawn il-konsenturi kbar jew xquq twal. Wara li saret din ir-riparazzjoni bajdu kollox mill-ġdid. L-ispiża kollha tħallset minn persuna devota.

## Appendiċi
## L-istatwa tat-Transerberazzjoni ta' Santa Tereża ta' Ġesù u Maria de Dominici

Il-kittieba li jirreferu għall-istatwa tat-Trasverberazzjoni jew Estasi ta' Santa Tereża ta' Ġesù li tinsab fil-knisja ta' Santa Maria delle Vittorie f'Ruma bħala opra ta' Maria de Dominici (+1703) jagħtu x'tifhem illi bxi mod jew ieħor jiddependu mill-ewwel kittieb li jsemmiha jiġifieri minn Bernardo de Dominici (1684 - 1750). Bi kliem ftit jew wisq varju bħala vokabularju, kollha jtennu, bla ma jsemmgħu minn liema awtur jew dokument ħadu dan it-tagħrif, li Maria de Dominici marret Ruma; kienet alljeva ta' Gian Lorenzo Bernini; ħadmet ma' jew għenet lil dan l-iskultur biex tipproduċi l-istatwa ta' S. Tereża ta' Ġesù fl-estasi tagħha.[40]

Ta' min jinnota illi l-awtur ta' "Le vite dei pittori, Scultori ed Architetti Napolitani" li ġew stampati f'żewġ volumi bejn is-snin 1742 u 1744 f'Napli, waqt li servew għal-seklu sħiħ bħala "għan ta' dak kollu l'inkiteb fuq l-arti napolitana; minn naħa l-oħra ġie ippruvat, permezz ta' riċerki u pubblikazzjonijiet ta' dokumenti illi Bernardo de Dominici mhux biss irrepeta erruri kbar fuq il-kittieba li ġew qablu imma wkoll ivvinta bijografiji t'artisti waqt li attribwilhom opri illu dokumenti t'arkivji juru li huma ta' artisti magħrufa iżda mhux naplitani. Ġie wkoll innutat illi fil-bijografiji tas-seicento l-aktar dawk tas-seklu ta' Bernardo de Dominici, għalkemm fost żbalji u eżaltazzjonijiet apoloġetiċi, tinstab fiż-żewġ volumi tiegħu għana ta' tagħrif fuq opri t'arti u wkoll ġudizzji kritiċi ikkonfirmati mill-kritika moderna.[41]

Fid-dawl ta' ġudizzju pakat u ekwilibrat bħal dan, wieħed jista' jagħmel xi riflessjonijiet dwar il-verdiċita' tal-fatt fih tissemma' l-ħidma artistika ta' Maria de Dominici ma' Gian Lorenzo Bernini u l-istatwa tat-Trasverberazzjoni (Estasi) ta' S. Tereża f'Ruma.

Ma setax storikament ikun li din l-iskultriċi maltija tiltaqa' f'Ruma u wisq iżjed toqgħod taħdem mal-iskultur naplitan. Hija telqet minn Malta, flimkien mas-segwitu tal-Familja Carafa wara l-ewwel ta' Novembru 1682. Dak in-nhar Fra Carlo Carafa ippresida l-funzjoni tal-professjoni reliġjuża tal-kavallier ta' S. Ġwann, li saret fil-knisja ta' Santa Katarina fil-belt Valletta, Fra. G.B. Pasqualino. L-iskultur Bernini miet sewwa sew fit-28 ta' Novembru ta' sentejn qabel (1680).

L-istatwa ta' din it-Trasverberazzjoni (Estasi) hija ta' fama mondjali: kulħadd iqisha bħala waħda mill-opri l-kbar maħduma mill-iskultur naplitan Bernini. Kull min kiteb il-ħajja ta' dan l-iskultur rinomat fid-dinja dejjem wera li din l-istatwa ħarġet minn idejn Gian Lorenzo Bernini.

## Epilogu

Ftit huma l-opri ta' pittura (hawnhekk huma ikkunsidrati dawn biss) li waqt li huwa ippruvat huma xogħol ta' dawn iż-żewġ aħwa De Dominici: issemmew il-pittura ta' San Andrija Corsini u Santa Teresa impittra minn Maria u dik ta' San Ġwann tas-Salib impittra minn Raimondo kif ukoll is-saqaf tal-knisja karmelitana fil-Belt Valletta flimkien ma' ibnu Bernardo. Huwa wkoll fatt li l-pittura ta' S. Marija Maddalena dei Pazzi tal-Knisja tal-Karmelitani tal-Belt, għandha aktar x'jindika li hija xogħol ta' swor Marija de Dominici milli bil-kontra.

B'sentimenti ta' rikonoxxenza u gratitudni waqt li nroddilhom ħajr nirreferi għal:
Fr. Martin Schembri O. Carm. li tul bosta żmien qiegħed għad-dispożizzjoni tiegħi għadd ta' volumi (Gabreo A u B; Liber Exitus sec. XVII; Inventarium Conventus et Ecclesiae; Libri delle Proposte 1767 - 1908).
Fr. Anthony Cilia O. Carm. li għoġbu jibgħatli informazzjoni storika fuq pittura ta' Sr. Marija de Dominici.
Fr. Ivan M. Scicluna O. Carm. taż-żewġ "photo-copies" dwar dokumenti storiċi relatati ma' Swor M. de Dominici.
Dr. Keith Sciberras li ġentilmenti impustali artiklu ferm importanti fuq il-ħajja u l-produzzjoni artistika tagħha.

## Riferenzi

1 Cutajar Domnic: "The Followers of Mattia Preti in Malta" Reports and Accounts 1988 Mid-Med Bank Ltd. p. 29 fejn




jiċċita il-"Liber Matrimoniorum" (1626 - 96) tal-Birgu.

2 Dwar l-isem u l-kunjom tal-mara ta' Onofrio kittieba oħra jagħtuha isem u kunjom differenti .p.e. G.F. Abela "Malta Illustrata" 11780 vol. IV; parag. XXXV p. 549: "Maria de Dominici figlia di Onofrio e di Ginevra Rossellini; "Liber Mortuorum" tal-parroċċa tat-Traspontina f'Ruma, in-nekroloġista kiteb: Maria de Dominici melitensis figlia Onofrii et Giovanellae..."

3 Cutajar D. locus citatus (l.c.) p.30.

4 Mifsud-Bonnici Robert:/ Dizzjunarju Biblijografiku Nazzjonali. DOI Malta p.169. Dwar iż-żewġ statwi ta' S. Teresa fil-Birgu u dik fit-Traspontina Ruma ma sibt riferenza storika.

5 NLM Mss. 1142.

6 Calleja G. "Lavori d'Arte nelle chiese di Malta..." tradott bl-ingliż minn Rev. G.A. Godwin Valletta 1881; ara wkoll: "Ferris Achille: "Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo. 1886; p.597.

7 Fr. Aquilina G. OFM "Il-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Valletta" Ed. TAU 1986 pp.32 u 35.

8 "Uomini Illustri di Malta dal sec. XV; notizie di alcuni pittori Scultori..." adunate da un padre del serafico O"rdine Capuccino. Mss. N.L.M. 1123.

9 "The Iconography of the Maltese Island (1400 - 1900) p.111. Progress Press Valletta 1987.

10 Notizie della vita del cavaliere Mattia Preti". estratt meħud mill-"Le vite dei scrittori, pittori ed architetti napolitani" 1740 - 42. ta' Bernardo de Dominici. Estratt stampat f'Malta fl-1864. Ed Z. Micallef.

11 Cutajar D. l.c. p.29 nota 6.

12 G.F. Abela "Malta Illustrata vol. IV pp. 549 - 551.

13 Mss. 1123 NLM.

14 ara nota n.10 p.137; nota 12 f'paġna 551 u NLM 1123.

15 cfr "Programm Festa tal-Madonna tal-Karmnu sena 2004 p. 5-6. Ara wkoll "Dizionario Carmelitano" Roma 2008 p. 953.

Matul is-seklu sittax ħafna pinzocchere iffjorexxew fl-Italja u fi Spanja bla ma għexu ħajja komuni (...) f'diversi naħat tal-Italja ,ħadu l-isem ta' terzjarji karmelitani.

16 Gabreo A. fl. 260 (r).

17 Libro delle Proposte I (1767 - 1806) p.117.

18 Stampat fil-"Programm Madonna tal-Karmnu" Valletta 1993 p.30

19 Stampa - ritratt ta' dan il-kwadru tinsab f'paġ. 31 fir-"Reports and Account..." "The Followers of M. Preti in Malta."

20 G.F. Abela "Malta Illustrata" Vol. IV p. 549.

21 ara nota 12.

22 "Notitae Diariae" minn P. Ludovico Perez O. Carm Archivio Generale dell' Ordine Carmelitano IC O II 21; Mss. F. 48 a.: "Currente mense Maio 1684, sublata veteri nidique tabula picta Sancti Andreae Corsini ex eius altari, nova elegantia ibi est imposita manu sororis Mariae Dominici nostra tertiaria depicta."

23 "Picking women in Renaissance and Baroque Italy." : nota 68 f'artiklu miktub minn G. Johnson C.U.P. 1997.

24 . Mastelloni Andrea. "La Traspontina: Notatiae Historiahe della fondatione et immagine di nostra Signora del Carmine della Traspontina".Napoli 1717. p.152

25 cfr riferenza 23: p. 158 nota 76.

26 ib. p. 158 nota 78.

27 Eloġiju jingħata lilha fil-ktieb tal-mejtin tal-Parroċċa S. Marija in Transpontina: "recepit habitum nostri sa sacri tertii ordinis in quo exemplariter vixit; pictricem artem exercens..." Libro dei Morti IV vol. XXVIII, 18 Marzo 1703.

28 Cutajar D. op. cit. nota 1.

29 "Notizie della vita del Cavaliere..." ara nota n.10.

30 Beinezet E. "Dictionaire de Pictures". vol-3

31 Caruana Gatto Vincenzo "Malta Artistiva Illustrata" 1906 Malta. paġ. 54.

32 "Documenti inediti di Artisti Napolitani del secolo XVI e XVII A.S.P.N. Anno 38 p. 60.

33 "Napoli Nobilissima" Vol. VII p.11.

34 "Malta Srtistica Illustrata paġ. 56.

35 "Notizie della vita del Cavakiere M. Preti" paġ. 83.

36 Cutajar D. "The followers of M. Preti in Malta" paġ. 30.

37 ara nota 35 f'paġna 83.

38 ara nota numru 10.

39 "Libro delle roposte I (A.D. 1767 - 1806) b. 45 (r).

40 ara l-lista ta' dawn il-kittieba fl-aħħar ta' din it-taqsima.

41 "Enciclopedia Italiana. istituto G. Treccani 1931 "De Dominici Bernardo".

40 1) 1740

De Dominici Bernardo: "Notizie della vita del cavalier Preti." Maria ebbe utili ammaestramenti dal Bernini (....) Fra le opere da lei fatte e' molto lodata la statua di Santa teresa.

2) 1780

Abela Gian Francesco "Malta Illustrata". Tra le sculture da lei fatte e' la statua rappresentante la serafica madre in atto d'essere trafitto da un angelo."

3) 1842

Caruana Dingli Francesco: "Galleria Maltese" "Teresa d'Avalos, cons orte del Principe Carlo Carafa attesto quanto era bello il genio di Maria. Bernini e Maratta la lodavano per di lei opere a Roma."

4) 1881

Calleja G. "The works of Art in Malta...". "Wishing to succede as a sculptor she selected as her master Bernini under whose tutition fashioned the group representing the Exstasy of Saint Therese and to which Bernini only gave the last touches.

5) 1906

Caruana Gatto V. "Malta Artistica Illustrata." "In Roma studio' pure s cultura sotto il ce lebre Bernini e copio l-Estasidi S. Teresa esistente nella chiesa delle Vittorie, del suo maestro.

3) 1936

Tencajoli O.F. "Artisti Maltesi in Roma".

7) 1960

Mifsud Bonnici R. "Dizjunarju Biblijo grafiku Nazzjonali "F'Ruma taħt għajnejn Bernini ħadmet ġmiel ta' grupp "Estasi ta' S. Tereża fil-knisja tal-Vittorja ġewwa Ruma."

8) 1987

Cutajar Domnic "The followers of Mattia Preti in Malta". "Towards the end of 1680 or even later, she moved to Rome there as hew nephew alleges she met Bernini who commended her gifts as a sculptor. The information though is highly suspect, as Maria de Dominici is documentaded as still living in Malta while we know that Bernini has passed away on November 28 of the same year namely 1680.

9) 1997

Johnson G. "Picking women in Renaissance and Baroque Italy". p.156

Most highly praised among her publix works seems to have been a statue of the Trasverberation of Santa Teresa in a carmerlite church.

"It is nor clear whether this was a copy of Bernini famous statue in the Discalced Carmelite church of Santa Maria delle Vittorie in Rome."